GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR AGRICULTURE,
FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

ARPA
AGRICULTURE AND
RURAL PAYMENTS AGENCY

# Linji Gwida dwar is-Sottomissjoni ta' Talb għall-Pagament (Interventi Mhux tas-SIAK)

# Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni 2023-2027

# Intervent 73.5 - Investimenti Produttivi fl-Azjendi Agrikoli

## (Skema Simplifikata taħt Għotja ta' €15,000)

Verżjoni 2.0

23 ta' April 2025

Co-funded by
the European Union

# Werrej


1. Introduzzjoni ... 3
2. Proġett Approvat ... 3
3. Dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati lill-ARPA qabel ma jiġu sottomessi għal Talba għall-Pagament ... 4
   3.1 Formola ta' Pagament Bankarju ... 4
   3.2 Notifika permezz ta' SMS ... 4
   3.3 BiedjaCam ... 4
   3.4 Delega ta' Awtorità ... 5
4. Obbligu li tinżamm Kontabilità Separata jew Kodifikazzjoni Xierqa għat-Tranżazzjonijiet ... 5
5. Talba għall-Pagament u Dokumenti ta' Akkumpanjament ... 5
   5.1 Talba għall-Pagament ... 5
   5.2 Dokumenti ta' Akkumpanjament ... 6
6. Akkwist ... 8
   6.1 Nefqa li qed tiġi ddikjarata bħala "Abbozz ta' Baġit" ... 8
   6.2 Nefqa li qed tiġi ddikjarata bħala "Baġit Attwali" ... 8
   6.3 Nefqa li qed tiġi ddikjarata bħala "Baġit Attwali bi tliet Kwotazzjonijiet" ... 8
      6.3.1 Talba għal Kwotazzjonijiet ... 9
      6.3.2 Kwotazzjonijiet ... 9
7. Fatturi u Prova tal-Pagament ... 10
   7.1 Fatturi ... 10
   7.2 Prova tal-Pagament ... 11
8. Irregolaritajiet ... 11
   8.1 Detezzjoni ta' Irregolaritajiet ... 11
   8.2 Irkupru tad-Dejn ... 12
   8.3 Oġġezzjoni ... 12
9. Kontrolli ... 13
   9.1 Kontrolli qabel l-Ipproċessar tal-Pagament ... 13
   9.2 Kontrolli wara t-Terminazzjoni tal-Proġett (Perjodu ta' Durabilità) ... 13
   9.3 L-iffissar ta' appuntamenti għal Kontroll fuq il-Post ... 14
10. Obbligi għal Reklamar tal-UE ... 14
11. *Force Majeure* ... 14
12. Protezzjoni tad-Data ... 14
13. Emenda għal-Linji Gwida dwar il-Pagamenti ... 15
14. Dettalji ta' Kuntatt ... 15

# 1. Introduzzjoni

Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jipprovdu informazzjoni ġenerali u appoġġ lill-benefiċjarji meta jimplimentaw il-proġetti tagħhom u jissottomettu talbiet għal rimborż taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Dan jaqa' fil-qafas tal-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) ta' Malta 2023–2027, u huwa allinjat mar-Regolamenti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK (UE) 2021/2115 u 2021/2116, flimkien mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni relatati tagħhom. Il-benefiċjarji huma mistennija wkoll li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE rilevanti, kif ukoll ma' kwalunkwe gwida addizzjonali maħruġa mill-Awtorità Maniġerjali u l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA).

Meta l-benefiċjarji jingħataw fondi biex jimplimentaw proġett, huwa kruċjali li dawn il-fondi jiġu ġestiti bi prudenza, bl-akbar trasparenza, b'responsabbiltà u b'effiċjenza f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda u governanza tajba.

Ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà applikabbli taħt kull Intervent huma stabbiliti fil-linji gwida speċifiċi maħruġa mill-Awtorità Maniġerjali bis-Sejħa għall-Applikazzjonijiet rispettiva, kif ukoll fir-Regoli Nazzjonali ta' Eliġibbiltà għall-Perjodu ta' Programmazzjoni 2021-2027.[1]

Dawn il-linji gwida jistgħu jiġu riveduti minn żmien għal żmien mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), u għalhekk il-benefiċjarji għandhom isegwu l-aħħar linji gwida li qed jiġu pprovduti.

# 2. Proġett Approvat

Ladarba l-proposta ta' proġett ta' benefiċjarju tintgħażel u tingħata għotja, il-benefiċjarju jiġi mistieden jidħol fi ftehim formali mal-Awtorità Maniġerjali (AM), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim ta' Għotja. Il-benefiċjarju għandu jimplimenta l-proġett skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim tal-Għotja.

Wara l-iffirmar tal-Ftehim ta' Għotja miż-żewġ partijiet, u soġġett għar-regoli ta' eliġibbiltà tal-linji gwida speċifiċi maħruġa mas-Sejħa għall-Applikazzjonijiet li taħthom intgħażel il-proġett, il-benefiċjarju jista' jissottometti t-talba tiegħu għall-pagament lill-ARPA għall-ipproċessar, il-verifika u, fl-aħħar mill-aħħar, l-awtorizzazzjoni tal-pagament.

Huwa importanti li wieħed jinnota li l-formola tal-applikazzjoni approvata, li tifforma parti mill-Ftehim taGħotja, tikkostitwixxi r-referenza ewlenija biex jiġu ddeterminati l-azzjonijiet u l-ispejjeż eliġibbli li l-benefiċjarju jista' jwettaq u jġarrab, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub mill-Awtorità Maniġerjali. Għalhekk, talbiet għal rimborż ta' pagamenti li mhumiex konformi ma' dawn il-prerekwiżiti m'għandhomx jiġu pproċessati mill-ARPA.

[1] Dawn id-dokumenti jistgħu jiġi aċċessati permezz tas-sit web Fondi.eu.

# 3. Dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati lill-ARPA qabel ma jiġu sottomessi għal Talba għall-Pagament

## 3.1 Formola ta’ Pagament Bankarju

Wara l-iffirmar tal-Ftehim ta’ Għotja u qabel is-sottomissjoni ta’ kwalunkwe talba għal rimborż, il-benefiċjarju għandu jiżgura li Formola ta’ Pagament Bankarju mimlija kif suppost tiġi sottomessa lill-ARPA. Dan huwa meħtieġ biex jinħoloq profil ta’ benefiċjarju fis-sistema ta’ pagament tal-ARPA, għalhekk fin-nuqqas ta’ Formola ta’ Pagament Bankarju, il-fondi ma jistgħux jitħallsu lill-benefiċjarju.

F’konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127, il-pagamenti kollha dovuti taħt il-proġett approvat iridu jsiru direttament u esklussivament fil-kont bankarju tal-benefiċjarju. Għalhekk, il-kont bankarju jrid ikun f’isem il-persuna li applikat għall-assistenza finanzjarja, jiġifieri l-benefiċjarju. Pagamenti f’kontijiet konġunti huma aċċettabbli biss f’każijiet fejn tali kont ikun jappartjeni lil koppji miżżewġin, jew koppji magħquda b’unjoni ċivili.

Il-Formoli ta’ Pagamenti Bankarji jinkludu aktar noti ta’ spjegazzjoni li l-benefiċjarju huwa obbligat li jsegwi kif xieraq.

Jekk il-benefiċjarju diġà għandu kont bankarju rreġistrat mal-ARPA, u jixtieq ikompli juża l-istess kont bankarju għall-iskop ta’ dan il-proġett, ikun meħtieġ li jinforma lill-ARPA permezz ta’ komunikazzjoni bil-miktub li tikkonferma li jixtieq jibqa’ juża l-kont bankarju inkwistjoni.

Barra minn hekk, qabel is-sottomissjoni ta’ Formola ta’ Pagament Bankarju, il-benefiċjarji għandhom jirreferu għat-Taqsima 4 – *Obbligi li Tinżamm Kontabilità Separata jew Kodifikazzjoni Xierqa għat-Tranżazzjonijiet* ta’ dawn il-linji gwida.

## 3.2 Notifika permezz ta’ SMS

Il-benefiċjarji jistgħu wkoll jagħżlu li jirreġistraw għas-servizz ta’ notifika permezz ta’ SMS tal-ARPA fejn in-notifiki jintbagħtu mill-ARPA, li jindikaw l-ammonti li ġew depożitati fil-kont tal-benefiċjarju kif ukoll jinfurmaw lir-reġistranti dwar diversi korsijiet obbligatorji u kwalunkwe materjal relatat mal-agrikoltura.

Jekk il-benefiċjarju jagħżel li jabbona ruħu għal dan is-servizz, hu/hi għandu/għandha jimla/timla l-“Applikazzjoni biex Tirċievi Informazzjoni permezz ta’ Messaġġ fuq il-Mowbajl”.

## 3.3 BiedjaCam

L-applikazzjoni mobbli BiedjaCam għandha l-karatteristiċi għat-tlugħ ta’ evidenza fotografika f’ħin reali ta’ makkinarju u/jew tagħmir u strutturi bbażati fuq teknoloġija ta’ ritratti ġeottaggjati.

L-Applikazzjoni tinkludi wkoll il-funzjonalitajiet li ġejjin:

- Li tirċievi tfakkiriet u notifiki importanti mill-ARPA,
- Li tirrispondi l-messaġġi mibgħuta mill-ARPA,
- Li tara l-pakketti rreġistrati kollha tiegħek,

- Li ssegwi l-applikazzjonijiet għall-għajnuniet mill-UE,
- Li tara l-pagamenti kollha riċevuti.

Għal aktar informazzjoni dwar il-BiedjaCam, il-benefiċjarji għandhom jaċċessaw il-ħolqa li ġejja: https://arpa.gov.mt/en/mobile-app-information/. Il-paġna web tinkludi tutorials permezz ta' vidjos dwar kif tattiva u tuża l-Applikazzjoni.

### 3.4 Delega ta' Awtorità

Jekk il-benefiċjarju jagħżel maniġer tal-proġett, konsulent, jew rappreżentant li miegħu l-ARPA għandha tkun f'kuntatt waqt l-implimentazzjoni tal-proġett u li jaġixxi f'ismu/isimha, il-benefiċjarju għandu jimla l-Formola tad-Delega ta' Awtorità. Jekk il-benefiċjarju jixtieq jirtira din id-delega, għandu/għandha jinforma/tinforma lill-ARPA permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub. L-ARPA mhijiex responsabbli għal ebda dannu mġarrab jekk ir-rappreżentant jaċċessa kwalunkwe informazzjoni wara li l-benefiċjarju jkun informah/informaha li mhux se jibqa' jaġixxi bħala rappreżentant, iżda qabel ma l-benefiċjarju jkun informa formalment lill-ARPA dwar l-irtirar ta' din id-delega.

Barra minn hekk, il-benefiċjarju jibqa' responsabbli għall-implimentazzjoni u l-governanza tajba tal-proġett.

Din il-Formola għandha tiġi sottomessa biss jekk ma tkunx ġiet sottomessa fl-istadju tal-applikazzjoni jew ma tkunx indikat maniġer tal-proġett, konsulent, jew rappreżentant fl-istadju tal-applikazzjoni, jew jekk il-benefiċjarju jixtieq jirtira delega u jippreżenta oħra.

## 4. Obbligu li tinżamm Kontabilità Separata jew Kodifikazzjoni Xierqa għat-Tranżazzjonijiet

F'konformità mal-Artikolu 74(1)(a)(i) tar-Regolament (UE) 2021/1060, u l-Artikolu 83(3)(c) u l-Artikolu 123(2)(b)(i) tar-Regolament (UE) 2021/2115, il-benefiċjarji huma meħtieġa jżommu jew rekords kontabilistiċi separati jew kodiċijiet kontabilistiċi xierqa għat-tranżazzjonijiet relatati ma' proġetti ffinanzjati mill-UE. Dan l-obbligu huwa essenzjali biex tiġi żgurata t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont, u l-konformità mar-regolamenti tal-UE rigward l-użu ta' fondi pubbliċi.

L-obbligi għal tipi differenti ta' benefiċjarji huma stabbiliti fiċ-Ċirkolari HR/OPM-EES/7/2024, li tista' tiġi aċċessata permezz tal-ħolqa li ġejja: https://fondi.eu/wp-content/uploads/2024/10/Circular-HR_OPM-EES_7_2024.pdf.

## 5. Talba għall-Pagament u Dokumenti ta' Akkumpanjament

### 5.1 Talba għall-Pagament

Minħabba l-perjodi qosra ta' żmien fl-implimentazzjoni tal-proġett, il-benefiċjarji jistgħu jissottomettu biss Talba **waħda** finali għall-Pagament wara t-tlestija tal-proġett. **L-ebda pagament interim mhu se jiġi aċċettat.**

L-ARPA se twettaq kontrolli amministrattivi fuq it-talba għall-pagament sottomessa mill-benefiċjarju. Il-kontrolli jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

(i) Verifika tal-korrettezza u l-kompletezza tal-informazzjoni inkluża fil-Formola tat-Talba għall-Pagament billi jiġu ċċekkjati l-oqsma mdaħħla fiha mad-dokumentazzjoni attwali pprovduta,
(ii) Verifika tal-konformità mal-prinċipji tar-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku (fil-każ ta' nefqa sottomessa taħt "Baġit Attwali bi tliet Kwotazzjonijiet"),
(iii) Kontrolli fuq id-dokumentazzjoni ta' appoġġ, inkluża l-validazzjoni tal-fatturi u/jew prova tal-pagamenti, il-validità tan-numri tal-VAT, eċċ., kif applikabbli,
(iv) Kontrolli fuq l-eliġibbiltà tal-ammonti mitluba skont kwalunkwe linja gwida maħruġa mill-Awtorità Maniġerjali / l-ARPA, l-Ittra ta' Għotja, il-Ftehim ta' Għotja u d-deċiżjonijiet rispettivi dwar it-talbiet għal bidla,
(v) Kontrolli fuq kunflitt ta' interess bejn il-partijiet interessati, l-operaturi ekonomiċi u persuni oħra involuti, kif applikabbli.

Matul il-proċess ta' verifika, l-ARPA tista' titlob lill-benefiċjarju biex jippreżenta kjarifiki dwar it-talba għall-pagament u d-dokumentazzjoni li takkumpanjaha, jew biex jippreżenta dokumentazzjoni addizzjonali. Jekk il-benefiċjarju jonqos milli jippreżenta l-kjarifiki u/jew id-dokumentazzjoni addizzjonali mitluba, dan jista' jwassal għal rifjut tat-talba għall-pagament u/jew jistgħu japplikaw xi penali. F'dan ir-rigward, il-benefiċjarju jiġi nnotifikat permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub li t-talba għall-pagament qed tiġi miċħuda u dwar in-nuqqasijiet tagħha.

## 5.2 Dokumenti ta' Akkumpanjament

Ladarba proġett ikun lest għalkollox, qed jiffunzjona u qed jopera bis-sħiħ skont il-Formola ta' Applikazzjoni tal-proġett approvata, id-dokumentazzjoni li ġejja għandha tiġi sottomessa lill-ARPA:

| Tip ta' Baġit | Komponent | Dokumentazzjoni Meħtieġa |
|---|---|---|
| ▪ Abbozz ta' Baġit<br>▪ Baġit Attwali<br>▪ Baġit Attwali bi tliet (3) Kwotazzjonijiet | ▪ Tagħmir u/jew Makkinajru<br>▪ Xogħlijiet Strutturali | **Formola ta' Talba għall-Pagament** mimlija u ffirmata kif suppost. Il-Formola ta' Talba għall-Pagament għandha tiġi ffirmata b'pinna blu mill-benefiċjarju jew mill-Mexxej tal-Proġett tiegħu. |
| | | **Prova tal-pagament**, jiġifieri ritratt taċ-ċekk li jkun inħareġ, tar-riċevuta fiskali jew tat-trasferiment bankarju. |
| | | **Evidenza fotografika**, kif indikat mill-ARPA. |
| ▪ Baġit Attwali bi tliet (3) Kwotazzjonijiet | ▪ Tagħmir u/jew Makkinarju<br>▪ Xogħlijiet Strutturali | **Talba għall-Kwotazzjonijiet**. |
| | | Minimu ta' tliet (3) **kwotazzjonijiet** komparabbli u indipendenti. |
| | | **Fattura.** |
| ▪ Abbozz ta' Baġit<br>▪ Baġit Attwali | ▪ Tagħmir u/jew Makkinarju | **Garanzija tal-prodott**, jekk applikabbli. |

| | | |
|---|---|---|
| ▪ Baġit Attwali bi tliet (3) Kwotazzjonijiet | | |
| ▪ Baġit Attwali<br>▪ Baġit Attwali bi tliet (3) Kwotazzjonijiet | ▪ Xogħlijiet Strutturali | **Skeda tax-Xogħlijiet** (BOQ) iċċertifikata b'mod finali, iddatata u ffirmata minn Perit kwalifikat, li tinkludi dikjarazzjoni li tiddikjara li l-investiment imwettaq huwa komplut u funzjonali u konformi mal-permessi kollha applikabbli tal-Awtorità tal-Ippjanar u Regolamenti oħra applikabbli. |

Il-benefiċjarji għandhom jirreferu għall-Ittra ta' Għota u l-Ftehim ta' Għotja biex jiddeterminaw meta n-nefqa tiġi kklassifikata bħala "Abbozz ta' Baġit", "Baġit Attwali" jew "Baġit Attwali bi tliet Kwotazzjonijiet".

Fil-każ tal-komponent "**Spejjeż Ġenerali**", il-benefiċjarji m'għandhom jipprovdu l-ebda dokumentazzjoni. Jekk il-benefiċjarju jonqos milli jwettaq parti mill-investiment li ġie approvat fil-Ftehim ta' Għotja, il-komponent tal-Ispejjeż Ġenerali jiġi kkalkulat mill-ġdid u mħallas b'7% tal-investiment eliġibbli li nstab li kien fis-seħħ u operattiv, soġġett għal valur massimu tal-għotja ta' €15,000 b'kollox.

➢ **NOTA IMPORTANTI:**

**Funzjonalità tal-Proġett**

Meta jissottometti l-Formola ta' Talba għall-Pagament, il-benefiċjarju jkun qed jiddikjara li:

(i) Il-proġett tlesta skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Għotja, it-Talbiet għal Bidla approvati, u d-dokumentazzjoni relatata, u
(ii) Kwalunkwe struttura mibnija bħala parti mill-proġett hija kompletament kompluta u funzjonali, jiġifieri qed tintuża għall-użu li kienet maħsuba għalih oriġinarjament, kif deskritt fl-applikazzjoni tal-benefiċjarju u l-Ittra ta' Għotja u l-Ftehim ta' Għotja rispettivi, u
(iii) Kwalunkwe tagħmir akkwistat bħala parti mill-proġett huwa installat, ikkummissjonat, kompletament funzjonali u qed jintuża regolarment, u
(iv) Il-benefiċjarju ma kisibx, u mhux se jfittex, xi sors ieħor ta' finanzjament biex jakkwista l-istess xogħlijiet / provvisti / servizzi li għalihom ingħata appoġġ permezz tal-proġett.

Sakemm il-proġett ma jkunx funzjonali u jintuża regolarment kif stipulat fil-Ftehim ta' Għotja jew fi kwalunkwe Talba għal Bidla sussegwenti, kif approvat mill-Awtorità Maniġerjali, l-ARPA ma tistax toħroġ il-Pagament Finali. Tista' tintalab aktar dokumentazzjoni biex tipprovdi evidenza suffiċjenti tal-funzjonalità u l-użu tal-proġett qabel ma jinħareġ il-pagament finali biex jiġi żgurat li l-objettivi kollha indikati fil-Formola tal-Applikazzjoni, l-Ittra ta' Għotja, il-Ftehim ta' Għotja u kwalunkwe Talba għal Bidla sussegwenti jkunu ntlaħqu bis-sħiħ.

In-nuqqas li tiġi ppruvata tali funzjonalità/użu meta mitlub mill-ARPA jew waqt kontroll fuq il-post, jitqies bħala dikjarazzjoni falza, li min-naħa tagħha tista', bħala minimu, tirriżulta fl-irkupru sħiħ tal-fondi diġà maħruġa fir-rigward tal-proġett, kif ukoll fir-rifjut ta' kwalunkwe ammont ta' pagament pendenti.

**Definizzjoni ta' "Funzjonali u f'Użu Regolari"**

Proġett jitqies funzjonali u f'użu regolari meta jkun operattiv u qed jintuża għall-iskop iddikjarat fl-Applikazzjoni approvata. Jekk ċerti komponenti tal-proġett (anke jekk mhux magħżula għall-

kofinanzjament) huma essenzjali biex il-proġett ikun funzjonali, dawn iridu wkoll jitlestew u jitqiegħdu fis-seħħ fil-perjodi ta' żmien stipulati.

**Sottomissjoni tad-Dokument**

Id-dokumentazzjoni kollha trid tiġi sottomessa jew elettronikament permezz ta' arpa-rdpinvestmentclaims@gov.mt, jew permezz tal-kopji tagħha f'wieħed mill-Uffiċċji tal-ARPA elenkati fit-Taqsima 14 – Dettalji ta' Kuntatt ta' dawn il-Linji Gwida. Huwa importanti li d-dokumentazzjoni tiġi sottomessa b'**kulur sħiħ**.

# 6. Akkwist

## 6.1 Nefqa li qed tiġi ddikjarata bħala "Abbozz ta' Baġit"

Fil-każ ta' nefqa li qed tiġi ddikjarata bħala "Abbozz tal-Baġit", il-benefiċjarji huma obbligati li jixtru t-tagħmir u/jew il-makkinarju mingħand il-fornitur tas-servizz li l-kwotazzjoni tiegħu ġiet ippreżentata fl-istadju tal-applikazzjoni u approvata mill-Kumitat tal-Għażla tal-Proġett. Għalhekk, l-ispeċifikazzjonijiet tat-tagħmir u/jew il-makkinarju mixtri għandhom ikunu f'konformità ma' dawk ippreżentati fil-kwotazzjoni fl-istadju tal-applikazzjoni jew rekwiżiti mtejba.

Għalhekk, m'għandha tiġi ppreżentata l-ebda dokumentazzjoni ulterjuri tal-akkwist.

## 6.2 Nefqa li qed tiġi ddikjarata bħala "Baġit Attwali"

Fil-każ ta' nefqa li qed tiġi ddikjarata bħala "Baġit Attwali", il-benefiċjarji huma obbligati li jipprovdu d-dokumentazzjoni li ġejja meta jippreżentaw it-talba tagħhom għall-ffpagament:

(i) Skeda tax-Xogħlijiet (BOQ) ċċertifikata b'mod finali (iffirmata u ddatata) minn Perit kwalifikat, li tinkludi dikjarazzjoni li tikkonferma li l-investiment imwettaq huwa komplut, funzjonali u konformi mal-permessi u r-Regolamenti kollha applikabbli f'każijiet fejn huma meħtieġa permessi tal-bini applikabbli;

(ii) Prova tal-pagament

## 6.3 Nefqa li qed tiġi ddikjarata bħala "Baġit Attwali bi tliet Kwotazzjonijiet"

Il-benefiċjarju huwa marbut bil-prinċipji ta' governanza tajba, ġestjoni finanzjarja soda u kwalunkwe leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE jew nazzjonali meta jakkwista xogħlijiet u/jew tagħmir, u xogħlijiet strutturali għal nefqa li qed tiġi dikjarata bħala "Baġit Attwali bi tliet Kwotazzjonijiet".

Bħala parti mill-proċedura tal-akkwist, il-benefiċjarji għandhom jissottomettu d-dokumentazzjoni li ġejja meta jissottomettu l-Formola tat-Talba għall-Pagament tagħhom lill-ARPA:

(i) L-email jew l-ittra tat-**talba għal kwotazzjonijiet** (RFQ) iffirmata mill-benefiċjarju, li tiddeskrivi l-ispeċifikazzjonijiet u r-rekwiżiti skont il-linja approvata kif elenkata fil-Ftehim ta' Għotja jew kwalunkwe Talba għal Bidla sussegwenti approvata mill-Awtorità Maniġerjali;

(ii) Minimu ta' tliet kwotazzjonijiet minn fornituri jew kuntratturi ta' servizzi differenti u indipendenti, datati mhux qabel sitt (6) xhur mill-ewwel fattura, prova tal-pagament, jew ittra

ta' aċċettazzjoni, jew validazzjoni mill-ġdid tal-kwotazzjoni. Kwotazzjonijiet miksuba bl-idejn għandhom jiġu approvati kif suppost mill-fornitur jew mill-kuntrattur.

### 6.3.1 Talba għal Kwotazzjonijiet

Talba għal Kwotazzjoni għandha tiġi sottomessa mill-benefiċjarju lil fornituri/kuntratturi potenzjali permezz ta' email jew ittra. Tali talbiet għandhom jinkludu:

(i) L-isem u l-indirizz tal-fornitur / kuntrattur u dak tal-benefiċjarju,

(ii) L-ispeċifikazzjonijiet minimi aċċettabbli f'konformità mal-Ftehim ta' Għotja biex isir tqabbil bejn offerti simili,

(iii) Il-perjodu ta' validità tal-kwotazzjonijiet riċevuti b'konnessjoni ma' din it-talba, li ma jkunx inqas minn sitt (6) xhur mid-data tal-kwotazzjoni,

(iv) L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-kwotazzjonijiet, li għandha tkun l-istess għall-kuntratturi/fornituri/fornituri tas-servizzi kollha.

### 6.3.2 Kwotazzjonijiet

Għandhom jinkisbu minimu ta' tliet kwotazzjonijiet mingħand tliet fornituri indipendenti/mhux relatati.

Fil-każ li, minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, benefiċjarji privati ma jkunux jistgħu jiksbu minimu ta' tliet (3) kwotazzjonijiet, il-benefiċjarju jrid jipprovdi ġustifikazzjoni dettaljata. Id-deċiżjoni li tiġi aċċettata jew miċħuda tali ġustifikazzjoni għandha tkun fid-diskrezzjoni unika tal-ARPA.

Barra minn hekk, il-benefiċjarji għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess potenzjali bejn il-fornituri/kuntratturi; l-ARPA għandha tivverifika dan permezz ta' verifiki inkroċjati ma', iżda mhux limitata għal, ir-Reġistru tan-Negozju ta' Malta. Barra minn hekk, il-kwotazzjonijiet miksuba għandhom ikunu komparabbli fl-ispeċifikazzjonijiet tal-mudell, ix-xogħlijiet li għandhom jitwettqu jew is-servizz li għandu jiġi pprovdut, skont it-Talba għall-Kwotazzjonijiet.

Il-kwotazzjonijiet għandu jkollhom ukoll id-dettalji fiskali kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jiġu vverifikati d-dettalji tal-kuntratturi jew tal-fornituri. Dawn jinkludu:

1. L-isem u l-indirizz tal-fornitur / kuntrattur u dak tal-benefiċjarju,
2. In-numru tal-VAT tal-fornitur / kuntrattur u dak tal-benefiċjarju,
3. Id-data,
4. Deskrizzjoni ċara tat-tagħmir u/jew makkinarju jew xogħlijiet li għandhom jiġu pprovduti, bl-ispeċifikazzjonijiet u l-kwantitajiet kollha meħtieġa tal-oġġetti, prezz għal kull oġġett u ammont nett, u
5. It-tqassim tal-oġġetti li qed jiġu kkwotati, ammont nett, ir-rata tal-VAT applikabbli rilevanti, l-ammont tal-VAT u l-ammont gross inkluż il-VAT. Jekk kwotazzjoni ma tispeċifikax jekk il-prezz totali jinkludix il-VAT jew le, huwa mifhum li l-kwotazzjoni hija inkluża l-VAT. Huwa biss f'każijiet fejn il-kwotazzjonijiet jindikaw espliċitament li l-kuntrattur jew il-fornitur huwa eżentat mill-VAT li l-ARPA ma tnaqqasx il-komponent tal-VAT mill-ammont totali kkwotat.

Kwotazzjonijiet b'emendi/korrezzjonijiet bil-pinna, bil-lapes jew fluwidu ta' korezzjoni/gomma mhux se jiġu aċċettati sakemm l-emendi ma jkollhomx firma magħhom.

Il-kuntratturi, il-fornituri jew il-fornituri tas-servizzi kollha għandu jkollhom numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT validu mad-Dipartiment tal-VAT rispettiv, li jista' jiġi vverifikat permezz tas-sit web għal validazzjoni tan-numru tal-VAT VIES tal-Kummissjoni Ewropea. Jekk jinstab li xi wieħed mill-offerenti għandu numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT invalidu jew jinstab li huwa relatat ma' offerent ieħor jew mal-benefiċjarju, jistgħu japplikaw korrezzjonijiet finanzjarji.

Jekk l-irħas kwotazzjoni ma tintgħażilx mill-benefiċjarju privat, l-ammont tal-Għotja li għandu jiġi pproċessat mill-ARPA jista' jkun ibbażat biss fuq l-irħas kwotazzjoni miksuba.

F'każijiet fejn xi waħda mill-kwotazzjonijiet sottomessi lill-ARPA ma tissodisfax il-kriterji ta' hawn fuq, l-ARPA tista' titlob aktar kwotazzjonijiet li nkisbu matul l-istess perjodu bħall-kwotazzjonijiet sottomessi oriġinarjament. Jekk il-benefiċjarju ma jkunx jista' jipprovdi dawn il-kwotazzjonijiet, l-ARPA tirriżerva d-dritt li tapplika korrezzjonijiet finanzjarji sa 100% tan-nefqa relatata, f'konformità mal-linji gwida applikabbli maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea.

# 7. Fatturi u Prova tal-Pagament

## 7.1 Fatturi

*Il-fatturi għandhom jiġi ppreżentati f'każijiet fejn in-nefqa qed tiġi ddikjarata bħala "Baġit Attwali bi tliet Kwotazzjonijiet"*

Il-fatturi għandhom ikunu ċari u validi skont it-tnax-il skeda tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta), li jistipula x'għandha tinkludi fattura tat-taxxa. B'mod ġenerali, fattura tat-taxxa għandha tinkludi d-dettalji li ġejjin:

(i) Id-data tal-ħruġ,
(ii) In-numru sekwenzjali li jidentifika b'mod uniku l-fattura,
(iii) L-isem, l-indirizz u n-numru tal-VAT tal-fornitur,
(iv) L-isem, l-indirizz u n-numru tal-VAT tal-klijent,
(v) Deskrizzjoni suffiċjenti biex tidentifika l-kwantità u n-natura tal-oġġetti jew il-firxa u n-natura tal-oġġetti jew il-firxa u n-natura tas-servizzi applikati,
(vi) Tqassim tal-prezz fil-każ ta' oġġetti jew servizzi multipli f'fattura waħda u tqassim tal-prezz b'distinzjoni ċara tal-ammonti eskluż il-VAT, l-element tal-VAT u t-total gross tal-fattura,
(vii) Id-data li fiha saret jew tlestiet il-provvista jew id-data li fiha sar pagament f'kont ta' fornitur,
(viii) Il-valur taxxabbli għal kull rata jew eżenzjoni, il-prezz unitarju eskluż it-taxxa u kwalunkwe skont jew ribassi jekk ma jkunux inklużi fil-prezz unitarju,
(ix) L-ammont ta' taxxa li għandha titħallas, jekk ikun hemm, f'kull rata li għandha titħallas,
(x) L-ammont totali ta' taxxa li għandha titħallas, jekk ikun hemm.

Fatturi miktuba bl-idejn huma aċċettati wkoll sakemm dawn id-dokumenti jkunu ffirmati mill-kuntrattur, fornitur jew fornitur tas-servizz, u jkollhom id-dettalji kollha inklużi hawn fuq.

Id-dikjarazzjonijiet ma jistgħux jitqiesu bħala sostituti ta' fatturi, u għalhekk mhumiex ikkunsidrati validi. Madankollu, it-Talbiet għall-Pagamenti huma ekwivalenti għal fattura sakemm ikunu inklużi d-dettalji li ġejjin:

(i) Id-data tal-ħruġ,
(ii) In-numru tat-talba,
(iii) L-isem, l-indirizz u n-numru tal-VAT tal-kuntrattur, il-fornitur jew il-fornitur tas-servizz,
(iv) L-isem, l-indirizz u n-numru tal-VAT tal-benefiċjarju (il-klijent),
(v) Deskrizzjoni tax-xogħlijiet/provvisti/servizzi pprovduti.

Barra minn hekk, f'każ ta' Talba għall-Pagament, għandha tiġi sottomessa riċevuta tal-VAT. Jekk dan id-dokument ikun iġġenerat mill-kompjuter allura dan irid ikollu numru EXO. F'dan il-każ ma tkun meħtieġa l-ebda prova addizzjonali ta' pagament.

Il-Fatturi / it-Talbiet għall-Pagamenti/ il-Bejgħ fi Flus Kontanti għandhom dejjem jinħarġu f'isem il-benefiċjarju bħala l-klijent. Dan huwa importanti ħafna peress li huwa l-benefiċjarju li qed jiġi rimborżat permezz tal-fondi, għalhekk irid ikun il-benefiċjarju li jġarrab l-ispejjeż tal-implimentazzjoni u t-tlestija tal-proġett.

M'għandu jkun hemm l-ebda forma ta' emenda / korrezzjoni mwettqa bil-pinna jew b'tejp jew fluwidu ta' korrezzjoni fuq il-fattura peress li dan jagħmel il-fattura ineliġibbli, sakemm ma tkunx magħmula b'linka blu u approvata (iffirmata) kif suppost mill-kuntrattur / fornitur / fornitur tas-servizz.

## 7.2 Prova tal-Pagament

It-Talba għall-Pagament għandha tkun akkumpanjata minn prova valida tal-pagament biex turi li t-tranżazzjoni tal-pagament rilevanti bejn il-benefiċjarju u l-kuntrattur, il-fornitur jew il-fornitur tas-servizz ġiet affettwata fil-perjodi ta' żmien stipulati fil-Linji Gwida tal-Intervent, l-Ittra ta' Għotja jew il-Ftehim ta' Għotja. Għalhekk, il-provi kollha tal-pagamenti għandhom ikunu datati qabel id-data ta' skadenza tal-Ftehim ta' Għotja u wara l-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà kif indikat fil-Linji Gwida tal-Intervent rilevanti.

Għalhekk, il-benefiċjarju għandu jippreżenta mill-inqas mid-dokumenti li ġejjin:

(i) Riċevuta fiskali tal-VAT, reċevuta mir-reġistru tal-flus jew riċevuta tal-flus kontanti maħruġa permezz ta' sistema kompjuterizzata li ġiet awtorizzata mid-Dipartiment tal-VAT u li tinkludi numru EXO. Ir-riċevuti għandhom jinkludu n-numru tal-VAT tal-benefiċjarju, jew
(ii) Dikjarazzjoni bankarja / rapport tat-tranżizzjoni, jew
(iii) Ritratt taċ-ċekk li ġie msarraf.

M'għandu jkun hemm l-ebda forma ta' emenda/korrezzjoni mwettqa bil-pinna jew b'tejp jew fluwidu ta' korrezzjoni fuq il-prova tal-pagament peress li dan jagħmel id-dokument ineliġibbli. Kwalunkwe emenda fir-riċevuti għandha ssir b'linka blu u tiġi approvata (iffirmata) kif suppost mill-kuntrattur / fornitur / provditur tas-servizz. Huwa rakkomandabbli li r-riċevuti fiskali maħruġa permezz ta' reġistru tal-flus jiġu fotokopjati (malli jinħarġu), peress li dawn eventwalment tmurrilhom il-linka u jagħmlu l-istampar illeġġibbli u sussegwentement mhux verifikabbli.

# 8. Irregolaritajiet

## 8.1 Detezzjoni ta' Irregolaritajiet

Il-benefiċjarji għandhom jinnotaw li l-fondi tal-UE huma fondi pubbliċi u l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-UE huma soġġetti għal awditi minn diversi korpi ta' awditjar nazzjonali u tal-UE. Għalhekk, billi jiffirma l-Ftehim ta' Għotja, il-benefiċjarju qed jassumi wkoll obbligu għall-verifiki msemmija hawn taħt li jistgħu jsiru mill-awtoritajiet kompetenti li ġejjin:

(i) L-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) bħala l-korp responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll tan-nefqa,
(ii) L-Awtorità Maniġerjali (AM) bħala l-awtorità responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programm b'mod effiċjenti, effettiv u korrett,
(iii) Id-Direttorat tal-Awditjar Intern u l-Investigazzjonijiet (IAID) bħala l-Korp taċ-Ċertifikazzjoni (CB),
(iv) L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar (NAO) bħala l-awditur estern tal-Gvern peress li fondi pubbliċi qed jiġu utilizzati għall-implimentazzjoni tal-investiment,

(v) Is-servizzi tal-awditjar tal-Kummissjoni Ewropea (KE) u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) fid-dawl li l-investiment qed jibbenefika minn fondi tal-UE,
(vi) Il-Bord ta' Monitoraġġ tal-Għajnuna mill-Istat (SAMB) biex jiżgura li l-proġett huwa/ġie implimentat f'konformità mar-Regolamenti tal-Għajnuna mill-Istat,
(vii) Id-Dipartiment tal-VAT biex jiżgura li r-regolamenti tal-VAT ġew rispettati.

Il-benefiċjarji għandhom jagħtu, lill-entitajiet imsemmija hawn fuq, aċċess sħiħ għad-dokumentazzjoni marbuta mal-investiment u l-verifika tan-nefqa, jekk ikun meħtieġ.

Nuqqas ta' konformità mar-Regolamenti applikabbli tal-UE u nazzjonali jista' jwassal għall-irkupru ta' fondi. Għalhekk, jekk jinstabu irregolaritajiet minn waħda mill-awtoritajiet kompetenti, tista' tiġi applikata korrezzjoni finanzjarja, li tista' tilħaq sa 100% tal-valur tal-kuntratt, kif xieraq.

Korrezzjonijiet finanzjarji jistgħu japplikaw fis-sitwazzjonijiet li ġejjin, madankollu l-lista ta' hawn taħt mhijiex eżawrjenti:

(i) Kunflitt ta' interess li jista' jinqala' minħabba operaturi ekonomiċi relatati, operaturi ekonomiċi li għandhom relazzjoni diretta mal-benefiċjarju, u kumpaniji li fihom il-benefiċjarju jew rappreżentant tal-benefiċjarju għandu kontroll dirett jew sehem,
(ii) Nuqqas ta' osservanza mal-prinċipji tar-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku,
(iii) Nuqqas ta' osservanza ta' kwalunkwe liġi u Regolament nazzjonali u tal-UE,
(iv) Nuqqas ta' konformità mal-approvazzjonijiet/permessi mill-Awtoritajiet Kompetenti rilevanti,
(v) Nuqqas ta' konformità mal-Ftehim tal-Għotja u d-Deċiżjoni tat-Talba għal Bidla,
(vi) Nuqqas ta' tlestija tal-proġett sad-data finali approvata tat-tmiem tal-proġett.

Id-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji applikabbli hija fid-diskrezzjoni tal-ARPA. Madankollu, dawn se jitwettqu skont il-Linji Gwida tal-Kummissjoni Ewropea għad-determinazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru għan-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, għal nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, skont kif ikun il-każ.

Il-benefiċjarju se jiġi nnotifikat permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub, li tindika r-raġuni għaliex seħħew tali korrezzjonijiet finanzjarji.

## 8.2 Irkupru tad-Dejn

Jekk l-ARPA tidentifika xi pagamenti mhux dovuti maħruġa lil benefiċjarju jew tinnota li saru irregolaritajiet minn benefiċjarju, l-ARPA tibda proċeduri ta' rkupru tad-dejn.

Benefiċjarju jiġi nnotifikat dwar dejn permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub. Tali ittra tinkludi l-ammont li għandu jiġi rkuprat u r-raġuni għall-irkupru ta' dawn l-ammonti. Malli jirċievi notifika ta' dejn, il-benefiċjarju huwa meħtieġ li jew jaċċetta d-dejn jew joġġezzjona għalih.

## 8.3 Oġġezzjoni

Jekk il-benefiċjarju ma jaqbilx mad-dejn / korrezzjoni finanzjarja, u jekk l-ammont tad-dejn/tnaqqis jaqa' bejn €50.00 u €5,000.00, allura l-Formola ta' Oġġezzjoni għandha timtela u tiġi sottomessa flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni jew evidenza ta' sostenn lill-ARPA fi żmien 60 jum kalendarju mid-data tal-ittra ta' notifika tad-dejn. Oġġezzjonijiet għal tnaqqis jew penali imposti se jiġu riveduti mill-Bord tal-Oġġezzjonijiet tal-ARPA. Il-benefiċjarji għandhom jinnotaw li s-sejbiet primarji tal-verifiki u l-kontrolli tal-ARPA stess jiffurmaw il-bażi tad-deċiżjonijiet meħuda li jistgħu jiġu kkontestati, u li għal riżultati ta' suċċess il-Bord jirrikjedi li tiġi pprovduta evidenza konvinċenti li tirrifjuta jew titfa' dawl ġdid fuq dawn is-

sejbiet. Deċiżjonijiet li jiġu kkontestati u murija li kienu bbażati fuq informazzjoni jew data ħażina, żbaljata jew mhux kompluta, se jiġu rimedjati mill-Bord. Il-benefiċjarju se jiġi nnotifikat bil-miktub bid-deċiżjoni tal-Bord li jaċċetta jew jirrifjuta tali Oġġezzjoni.

Ladarba tinħareġ id-deċiżjoni tal-Bord, l-ARPA ma tkunx tista' tikkunsidra aktar rappreżentazzjonijiet mill-benefiċjarju jew mir-rappreżentanti legali tiegħu/tagħha. Rimedji oħra fil-liġi jibqgħu disponibbli għal benefiċjarju li jħossu aggravat bid-deċiżjoni, kif deskritt fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 146.03. Dan japplika wkoll għal benefiċjarji li d-dejn u/jew il-korrezzjoni finanzjarja tagħhom jaqbżu l-limitu ta' €5,000.00.

Jekk il-benefiċjarju għandu xi djun pendenti wara li jgħaddu s-60 jum kalendarju mid-data tan-notifika tad-dejn u jkun għadu ma ssottomettiex la Formola ta' Aċċettazzjoni tad-Dejn u lanqas Formola ta' Oġġezzjoni, jiġi applikat imgħax b'rata ta' 8% f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2022/128, u l-Artikolu 1852 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

# 9. Kontrolli

## 9.1 Kontrolli qabel l-Ipproċessar tal-Pagament

Il-verifiki dwar ir-realizzazzjoni tal-investiment se jsiru mill-ARPA fuq il-proġetti kollha sabiex din tivverifika li l-proġett huwa funzjonali u konformi mal-applikazzjoni approvata, il-Ftehim ta' Għotja u kwalunkwe addenda sussegwenti jew Talbiet għal Bidla approvati mill-Awtorità Maniġerjali. Dawn jistgħu jitwettqu permezz ta' evidenza fotografika ġeottaggjata jew permezz ta' kontrolli fiżiċi, fid-diskrezzjoni tal-ARPA.

Ir-rimborż ta' talbiet għall-ffpagament jista' jiġi vverifikat ukoll permezz ta' verifika fuq il-post qabel il-ħruġ tal-pagament. Il-kontroll jivverifika l-konformità tal-benefiċjarju mal-impenji.

## 9.2 Kontrolli wara t-Terminazzjoni tal-Proġett (Perjodu ta' Durabilità)

Ir-rimborż għal talbiet għal pagament jista' jiġi vverifikat permezz ta' kontrolli *ex post* wara li jitlesta l-proġett u jinħareġ il-pagament finali mill-ARPA, għal perjodu massimu ta' sena (1) jew kif indikat fil-Ftehim ta' Għotja taħt il-perjodu ta' durabilità. Il-benefiċjarji għandhom jirreferu għall-Ftehim ta' Għotja rispettiv tagħhom biex jikkonfermaw it-tul ta' żmien u l-obbligi li jridu jirrispettaw.

Kontroll bħal dan jivverifika u jikkonferma li l-benefiċjarju ssodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Ftehim ta' Għotja rispettiv li huma prinċipalment:

(i) L-investimenti deskritti fil-proġett inżammu għal sena (1) (jew kif indikat fil-Ftehim ta' Għotja) wara l-ħruġ tal-pagament finali,
(ii) Il-proġett ma waqafx jew ma rritornax attività produttiva barra ż-żona tal-programm,
(iii) Ma kien hemm l-ebda bidla fis-sjieda ta' xi oġġett ta' infrastruttura li jagħti lil ditta jew korp pubbliku vantaġġ mhux dovut, u
(iv) Ma kien hemm l-ebda bidliet sostanzjali li jaffettwaw in-natura, l-objettivi jew il-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu li jirriżultaw f'li jdgħajfu l-objettivi oriġinali tiegħu.

Dan ifisser li l-benefiċjarju jrid iżomm is-sjieda tal-assi kollha mixtrija/appoġġjati permezz tal-FAEŻR u l-benefiċjarju jrid jiżgura li l-assi akkwistati jinżammu f'kundizzjoni tajba matul u wara l-implimentazzjoni tal-proġett għal mill-inqas il-perjodu indikat fil-Ftehim ta' Għotja.

Minbarra dak li ntqal hawn fuq, id-dokumenti ta' appoġġ kollha rigward il-proġett u n-nefqa appoġġjata mill-Fond fuq operazzjonijiet approvati, għandhom jinżammu mill-benefiċjarju u jsiru disponibbli għall-ARPA jew kwalunkwe parti interessata oħra indikata f'dawn il-Linji Gwida, għal mill-inqas perjodu ta' 5 snin mill-31 ta' Diċembru tas-sena wara s-sottomissjoni tal-kontijiet li fihom tkun inkluża l-aħħar nefqa tal-proġett.

### 9.3 L-iffissar ta' appuntamenti għal Kontroll fuq il-Post

Jekk, wara diversi tentattivi ta' komunikazzjoni bit-telefon, il-benefiċjarju xorta ma jweġibx għat-talba tal-ARPA biex iwettaq Kontroll fuq il-Post, tintbagħat ittra rreġistrata lill-benefiċjarju li tipprovdi skadenza sa meta għandu jsir kuntatt mal-ARPA. Wara l-iskadenza ddikjarata, jekk ma tasal l-ebda tweġiba mingħand il-benefiċjarju, dan jitqies bħala spezzjoni miċħuda, u jista' jwassal għall-irkupru sħiħ tal-fondi. In-nuqqas ta' aċċettazzjoni tal-ittra rreġistrata għandu wkoll jiġi interpretat bħala nuqqas ta' tweġiba u għalhekk japplika dak li ntqal hawn fuq.

## 10. Obbligi għal Reklamar tal-UE

Ir-reklamar huwa parti integrali mill-proġett. Il-benefiċjarju għandu jkun konxju tas-sors ta' finanzjament li permezz tiegħu jingħata l-għotja. Barra minn hekk, mat-tlestija tal-proġett, il-benefiċjarju għandu jiżgura li r-rekwiżiti neċessarji ta' reklamar tal-UE jiġu osservati.

Għall-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-iskema, il-benefiċjarji huma obbligati li jwaħħlu stickers iffinanzjati mill-UE fuq it-tagħmir u/jew il-makkinarju kollu li jinxtara bħala parti mill-proġett. Dawn għandhom jitwaħħlu f'żona li tkun viżibbli b'mod ċar għall-utenti u dawk li jkunu għaddejjin. Stickers bħal dawn jistgħu jinġabru minn wieħed mill-Front Offices tal-ARPA.

Il-benefiċjarji għandhom jirreferu għal-"Linji Gwida tal-Identità Viżwali" għal aktar informazzjoni: https://fondi.eu/wp-content/uploads/2024/08/Communication-and-Visibility-Requirements-Malta-1-2.pdf.

## 11. *Force Majeure*

Il-*force majeure* ġeneralment titqies li timplika ċirkostanza anormali jew imprevedibbli lil hinn mill-kontroll tal-benefiċjarju; li l-konsegwenzi tagħha ma setgħux jiġu evitati b'azzjoni raġonevoli. F'każijiet ta' *force majeure* jew ċirkostanzi eċċezzjonali, benefiċjarju għandu jinnotifika lill-ARPA bil-miktub, inkluż kwalunkwe dokumentazzjoni ta' appoġġ rilevanti fi żmien ħmistax-il (15) jum ta' xogħol mid-data li fiha l-benefiċjarju jew il-persuna intitolata permezz tiegħu, tkun f'pożizzjoni li tagħmel dan. Tali talbiet jiġu riveduti mill-Bord tal-*Force Majeure* tal-ARPA u l-benefiċjarju jiġi nnotifikat bil-miktub bid-deċiżjoni tal-Bord dwar jekk it-talba tiegħu/tagħha ġietx aċċettata jew miċħuda.

## 12. Protezzjoni tad-Data

Kwalunkwe informazzjoni se tiġi pproċessata f'konformitá mal-GDPR u l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data. Billi jissottometti t-talba għall-pagament, il-benefiċjarju qed jagħti/tagħti l-kunsens tiegħu/tagħha biex id-dettalji tiegħu/tagħha u dawk tal-proġett jiġu ppubblikati skont l-obbligi fir-Regolamenti rilevanti tal-UE. Barra minn hekk, din l-informazzjoni tista' tintuża għal skopijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

## 13. Emenda għal-Linji Gwida dwar il-Pagamenti

Dawn il-linji gwida jistgħu jiġu emendati kif meħtieġ mill-ARPA biex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni mal-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali, kif ukoll biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni ta' Malta 2023-2027.

## 14. Dettalji ta' Kuntatt

**It-Tniżżil u s-Sottomissjoni tal-Formoli**

Il-Formoli elenkati f'dawn il-Linji Gwida jistgħu jitniżżlu mis-sit web tal-ARPA (www.arpa.gov.mt). Id-dokumenti oriġinali mimlija kif suppost għandhom jiġu sottomessi f'wieħed mill-Uffiċċji elenkati hawn taħt.

Il-Formola ta' Talba għall-Pagament u d-dokumentazzjoni applikabbli tagħha **biss**, bħal fatturi, provi tal-pagamenti, garanziji tal-prodott, dikjarazzjonijiet minn periti awtorizzati, u dokumentazzjoni tal-akkwist, kif jista' jkun meħtieġ, għandhom jiġu sottomessi jew elettronikament permezz ta' arpa-rdpinvestmentclaims@gov.mt, jew inkella permezz ta' kopja tagħhom f'wieħed mill-Uffiċċji tal-ARPA elenkati hawn taħt. Madankollu, huwa importanti li d-dokumentazzjoni tiġi sottomessa b'**kulur sħiħ**.

**L-Uffiċċji tal-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali**

| | |
|---|---|
| **L-Uffiċċji Prinċipali** | |
| Indirizz | Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights (MAFA), Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA), Luqa Road, Qormi, QRM9075. |
| Indirizz Elettroniku | arpa-rdpinvestmentclaims@gov.mt |
| Numri ta' Kuntatt | 2339 7142 / 2339 7114 / 2292 4306 |
| **Ħinijiet ta' Ftuħ** | |
| **1 ta' Ottubru – 15 ta' Ġunju** | |
| It-Tlieta | 07:00 – 12:00 |
| L-Erbgħa | 13:00 – 15:00 |
| **16 ta' Ġunju – 30 ta' Settembru** | |
| It-Tlieta | 07:00 – 11:00 |
| L-Erbgħa | 07:00 – 11:00 |

| | |
|---|---|
| **Front Office ta' Malta** | |
| Indirizz | Malta Front Office, Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA), Pitkali Markets, Ta` Qali L/O Attard, Malta. |
| **Ħinjiet ta' Ftuħ** | |
| **1 ta' Ottubru – 15 ta' Ġunju** | |
| Mit-Tnejn sal-Ħamis | 07:00 – 12:30 |
| Il-Gimgħa | 11:00 – 15:00 |
| **16 ta' Ġunju – 30 ta' Settembru** | |
| Mit-Tnejn sal-Ġimgħa | 07:30 – 11:30 |

| |
|---|
| **Front Office ta' Għawdex** |

| | |
|---|---|
| Indirizz | Gozo Front Office, Government Experimental Farm, Mgarr Road, Xewkija, Gozo. |
| **Ħinijiet ta' Ftuħ** | |
| Mit-Tnejn sal-Ġimgħa | 07:30 – 12:30 |